MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2009

Numru. 972/2008

Il-Pulizija
(Sp Bernard Spiteri)
vs
Malcolm Vella, iben Kalcidon, imwieled Pieta' fit-23 ta' Awwissu, 1989

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra l-imputat –

1. talli fl-14 ta' Awwissu, 2008 u fix-xhur ta' qabel, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew b'kull mod indaħal sabiex imexxihom jew ibiegħhom;

2. talli fl-14 ta' Awwissu, 2008 għal ħabta tas-6.15 a.m., ġewwa Triq tal-Balal, San Gwann u qabel, fit-toroq ta' Malta saq vettura mutur Peugeot u waqt li kien qed isuq l-imsemmi mutur naqas li jilbes il-'crash helmet';

3. talli fl-14 ta' Awwissu, 2008 għal ħabta tas-6.15 a.m. u fil-ġranet ta' qabel, ġewwa Triq tal-Balal, San Gwann u fit-toroq ta' Malta saq vettura mutur tal-marka Peugeot, mingħajr numru tar-reġistrazzjoni, u ma kienx kopert b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji kontra terżi persuni;
4. talli fl-istess data, ħin u żminijiet ġewwa l-gżejjer Maltin fi bnadi differenti saq l-istess vettura mutur tal-marka Peugeot, mingħajr numru tar-reġistrazzjoni, mingħajr ma kien kopert b'liċenzja kurrenti maħruġa mill-awtorita' kompetenti;
5. talli fl-istess data, ħin u żminijiet ġewwa l-gżejjer Maltin fi bnadi differenti saq l-istess vettura mutur tal-marka Peugeot, mingħajr numru tar-reġistrazzjoni, mingħajr ma kien kopert b'liċenzja tas-sewqan kurrenti maħruġa mill-awtorita' kompetenti
6. talli fl-istess data, ħin u żminjiet ġewwa San Gwann u fil-ħin ta' qabel fit-toroq ta' Malta saq vettura mutur tal-marka Peugeot, mingħajr numru tar-reġistrazzjoni, u għamel użu jew saq din il-vettura mingħajr il-pjanċi tan-numri tar-reġistrazzjoni jew mhux skond ir-regolamenti tat-traffiku.

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imputat jiġi skwalifikat milli jottjeni jew ikollu liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' mhux inqas minn tnax il-xahar.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fl-14 ta' Awwissu, 2008 għal ħabta tas-6.15 a.m. karozza tal-pulizija b'żewġ membri tal-korp tal-pulizija ġo fiha, waqt li kienu qed isuqu fi Triq tal-Balal, San Gwann innotaw persuna li kienet qed issuq mutur mingħajr ma kellha 'crash helmet'. Huma waqfu dan il-mutur li kien qed jinsaq mill-imputat. Waqt li kienu qed ikellmu lill-imputat huma raw li dan il-mutur ma

kellhux il-pjanċa bin-numru tar-reġistrazzjoni mwaħħal u lanqas ma kellu liċenzja tal-mutur imwaħħla.

Illi minn provi ulterjuri li ġew imressqa jirrizulta li l-imputat ma kellhux liċenzja tas-sewqan biex isuq dan il-mutur u lanqas ma kien kopert bi polza tal-assikurazzjoni għar-riskji kontra terżi persuni. Irrizulta wkoll li dan il-muturr ma kienx liċenzjat.

Illi dan il-mutur ġie spezzjonat minn uffiċjal tal-pulizija li xehed li n-numru tac-'chassis' ta' dan il-mutur ma nstabx iżda l-'engine number' kien leġibbli.

Illi rappresentant tal-Awtoria' Dwar it-Trasport (ADT) xehed li wara li vverifika l-'engine number' ta' dan il-mutur ma rrizulta ebda mutur b'dan l-'engine number' fir-records ta' l-Awtorita'.

Illi l-imputat hu akkużat wkoll bir-riċettazzjoni ta' dan il-mutur. L-imputat, kif għandu kull dritt, ma offriex ix-xhieda tiegħu, iżda ressaq lil Pierre Tanti bħala xhud tiegħu.

Illi mix-xhieda ta' Pierre Tanti rrizulta li hu kien il-'foreman' ta' l-imputat meta kien jaħdem f'fabbrika. Irrizulta li dan Pierre Tanti kien irranġja biex ċertu Sean Buttigieg ibiegħ dan il-mutur lil Aimar Muktar. Xehed li dan ta' l-aħħar kien immigrat li ma kellhux liċenzja tas-sewqan u qatt ma saq dan il-mutur. Xehed ukoll li skont ma jaf it-trasferiment tal-mutur mingħand Buttigieg għal għand Muktar sar. Fil-frattemp, dejjem skont Tanti, Muktar biegħ il-mutur lill-imputat iżda Muktar telaq minn dawn il-Gżejjer għaliex emigra lejn l-Istati Uniti.

Illi mix-xhieda ta' Pierre Tanti rrizulta li l-pjanċi tan-numru tar-reġistrazzjoni ta' dan il-mutur kienu f'garage ta' din il-fabbrika u l-istess Tanti kien ikkonsenja ż-żewġ pjanċi tan-numru tar-reġistrazzjoni lill-imputat. In-numru ma jiktakarx x'kien u fl-atti ta' din il-kawża ma jirrizultax tali numru.

Illi fuq l-iskorta tax-xhieda ta' Pierre Tanti, li hi dettaljata u saħansitra ndika n-numru tat-telefon ċellulari ta' Sean

Buttigieg jidher ċar li l-imputat ma jistax jinsab ħati tal-akkuża ta' riċettazzjoni ta' dan il-mutur.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikolu 3(1)(2)(a) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, is-sezzjoni 14 u 34 ta' l-A. L. 476 ta' l-2004 u is-sezzjoni 123(2) ta' l-Motor Vehicle Regulations (S.L.65.11; A.L.128 ta' l-1994) u tikkundannah għl ħlas ta' multa ta' elfejn u seba' mitt euro (€2,700). Tordna
l-iskwalifika ta' kull liċenzja tas-sewqan ta' l-imputat għal perjodu ta' tnax il-xahar mil-lum. Fl-aħħarnett, tordna l-konfiska tal-mutur eżebit fl-atti ta' din il-kawża favur il-Gvern ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------